# Min Kienet “LUCY”

George Ebejer

Xi wħud jitkellmu dwar “Meta l-bniedem kien jimxi bħall-gorilla” u dwar “Min kienet Lucy” u jippruvaw japplikaw dan għall-evoluzzjoni tal-bniedem! Jie-na nixtieq li niċċara xi ħwejjeġ għall-qarrejja tagħna dwar *min* tassew kienet Lucy! Huma ħafna nies sinċ-iera li minħabba li huma jaqraw u jaraw xi stampi f’xi enċiklopediji dwar kif il-bniedem ġie permezz ta’ l-evoluzzjoni, huma jaċċettaw dak li jaqraw u jaraw sempliċiment għaliex qiegħed f’enċiklopedija! Dak hu żball kbir.

L-informazzjoni mogħtija minn xi kittieba mhix korretta, speċjalment dak li jintqal dwar ommijietna u missirijietna, u tista’ tagħti ideat żbaljati dwar kif u minn fejn ġie l-bniedem (ara *Nature*, Vol. 258, 1975, pp 389-395; ara wkoll, *Scientific American*, Vol. 234, Frar, 1976, p 54B). Il-bniedem ma ġiex permezz ta’ l-evoluzzjoni imma kien maħluq direttament minn Alla. Ix-xadini *mhumiex* l-antenati tal-bniedem! Dan huwa ippruvat mix-xjenza vera!

*Australopithecus afarensis* huwa l-aktar magħruf bil-laqam ta’ “Lucy.” L-iskeletru kien misjub f’Hadar, l-Etijopja fl-1974 minn Dr. D.C. Johanson. L-iskeletru (dak ta’ kreatura femminili) kien bejn wieħed u ieħor 40% komplut. Fl-1981, Dr. Johanson kiteb, u Simon

Schuster ippublika, *Lucy: The Beginning of Human-kind*." Dr. Johanson qal li Lucy (*A. afarensis*) hija 'hominid', għandha l-antenati tagħha x-xadini, eċċ., u li kienet fit-triq li ssir bniedem. Johanson ikkunsidra lil Lucy bħala li kellha ġisem ta' bniedem (essenzjal-ment) imma r-ras ta' xadina. Wieħed mill-aktar punti nteressanti dwar din is-sejba huwa li Lucy kienet mogħtija data ta' madwar 3.5 miljun sena. Ta' aktar interess huwa l-fatt li Johanson iħares lejn Lucy bħala li tagħti qawmien kemm lil *A. africanus* u kemm lil *A. robustus* (*A. boisei*) u lil dawk il-kreaturi fi triqthom li jsiru umani (*Homo babilis, Homo erectus, Homo sap-iens*). Dan hu kollu żbaljat u mwarrab minn evoluzz-jonisti stess bħal Drs. J.T. Robertson (*Nature*, Vol. 205, 1965, p 121) u D.R. Pilbeam (*The Evolution of Man*, Funk & Wagnalls, NY, 1970). Ukoll Dr. L.S.B. Leakey ("*Homo habilis, Homo erectus,* and *Australo-pithecus*," IN: *Nature*, Vol. 209, 1966, pp 1280-1281). Tajjeb li wieħed jaqrahom dawn!

Hemm ħafna u ħafna x'wieħed igħid dwar dak kollu li jintqal dwar *A. afarensi* u l-oħrajn. Jiena se nsemmi żewġ ħwejjeġ biss, imma nixtieq nipproponi għall-qarrejja biex jaqraw il-ktieb ta' Dr. Gish, *Evo-lution: The Challenge of the Fossil Record* (*op. cit.* pp. 154-163) għal sommarju sħiħ u rifjutazzjoni sħiħa għal dak kollu li jintqal dwar Lucy.

Żewġ xjenzati magħrufa sew, Solly Lord Zucker-man u Dr. Charles Oxnard, fis-snin riċenti sfidaw l-idea li kienet poplari li l-*australopitheċini* kienu jimxu dritti u għalhekk kienu fit-triq li jsiru bnedmin. Għal aktar minn ħmistax-il sena Lord Zuckerman studja l-

*australopithecini*, b'tim ta' xjenzati li qatt ma kien inqas minn erba'. Il-konklużjonijiet tiegħu kienu mħabbra fit-test klassiku tiegħu *Beyond the Ivory Tower*. Dr. Oxnard irrapporta xi wħud mis-sejbiet tiegħu fin-*Nature* (Vol. 258, 1975, pp. 389-395). Il-konklużjoni tiegħu—li kienet taqbel perfettament ma' dik ta' Lord Zuckerman—kienet li l-*Australopithecus* ma kienet irrelatata għal ebda ħaġa ħajja llum. Fil-fatt, Lord Zuckerman qal li jekk il-bniedem evolva minn antenati jixbħu x-xadini, dan għamel hekk mingħajr ma ħalla ebda traċċi fir-reġistrar tal-fossili (*Beyond the Ivory Tower*, p. 64).

Forsi l-aħjar stqarrijiet li jistgħu jkunu magħmula dwar din l-hekk imsejħa "evidenza" kollha għall-evoluzzjoni tal-bniedem huma dawk minn ċerti evoluzzjonisti nfushom. Eżempju, Elwyn Simons qal: "Minkejja s-sejbiet riċenti, iż-żmien u l-post ta' l-oriġini ta' 'order Primates' jibqgħu mgeżwra f'misterju. Il-konsiderazzjonijiet kollha ta' evoluzzjoni l-aktar bikrija mix-xadini jibqgħu wisq ħafna ħaġa jew kustjoni ta' opinjoni u huma spekulattivi" ( *Annals of the New York Academy of Sciences*, Vol. 167, 1969, p. 319). Ukoll dak li qal Lyall Watson: "Il-fossili li jiddekoraw is-siġra tal-familja tagħna huma tant skarsi li għad hemm aktar xjenzati milli hemm kampjuni. Fatt ta' min josservah huwa li l-evidenza fiżika kollha li aħna għandna għal l-evoluzzjoni umana għad tista' titqiegħ-ed, bi spazju żejjed, ġewwa tebut wieħed" (The Water People," IN: *Science digest*, Vol. 90, Mejju 1982, p. 44).

U jiena ngħid lill-qarrejja, li tassew it-teorija ta' l-evoluzzjoni postha hu fit-tebut ħalli tindifen darba għal dejjem!

Għalhekk it-twissija fil-Kelma ta' Alla:

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8).